MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 198/2004

**Avviz numru 198/04DM**

**Ballut Blocks Services Ltd (C8360)**

**Vs**

**Steve u Doreen konjugi Mason**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema il-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn erba’ mija u tmienja u sebghin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm2,478.27) rapprezentanti prezz ta’ materjal tal-bini mibjugh u konsenjat lilhom mis-socjeta’ attrici.

Bl-imghax legali mill-15 ta' Lulju, 2003, sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datata 19 ta' Dicembru, 2003, u tal-mandat ta-
Sekwestru pprezentat kontenstwalment ma' l-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l- konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni,
.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll rat in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mill-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qeghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallsu lill-atturi s-somma kif ridotta ta' elf, erba' mija, wiehed u tletin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm1,431.61) bl-imghax legali mill-15 ta' Lulju, 2003.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------